ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 47/07 – nhar It-Tnejn 22 ta' Frar 2016 fis-6.00pm**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | *Skużat* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *Irtira fis-7:00pm* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

1. **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

i. Il-Minuti tal-Laqgħat Strordinarji Nru. 45/07 u 46/07 tal-15 ta' Frar 2016 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2. **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)</u>**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD hekk kif kien hemm miktub u maqbul fil-Minuti tal-laqgħa straordinarja 45/07 il-kuntrattur Vella Group baqa ma pprezentax id-dokumenti meħtieġa u għalhekk ser naħsbu biex jibda l-proċess sabiex tinħareġ tender gdida. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li kif kien diġa semma li għalkemm li l-injam tal-gazebo ta' Ġnien Veliko Turnovo suppost kellu garanzija ta' 10 snin dan xorta waħda kollu kien qed jinqala. U għalhekk l-avukat tal-Kunsill kellu jikteb ittra uffiċċjali lill-Kuntrattur li kien ħa ħsieb ix-xogħol. Att vandaliku Fi Ġnien Veliko Turnovo.

ii.i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hekk kif kien semma fil-laqgħa preċedenti, ppreżenta 3 kwotazzjonijiet sabiex tiġi rranġata dik l-istruttura tal-injam li hemm biswiet Ġnien Veliko skond ir-rapport maħruġ mill-MCCAA għas-sigurta tal-bandli. Is-Sindku qara t-tlett kwotazzjonijiet li huma għall-valur ta' €2,832, €3,115, €3,068. Il-Kunsill qabel unanimament li tingħażel l-irħas waħda għall-valur ta' €2,832. Kwottazzjonijiet għall-iStruttura tal-Injam

ii.ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sabiex tibda topera l-information desk li hemm fil-pjazza off Triq Santa Tereza ta' fejn it-Tempji Neolitiċi, qal ukoll li sadanittant qed nistennew mingħand l-ETC rigward xi kandidati li jkunu jistgħu joqgħodu fiha. Proġett ERDF 213 – rapport finali

iii. Rigward it-turf, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox *status quo*. Turf tal-ground 5 aside

iv. Rigward *it-traffic management* propost fi Triq Kurunell Mass, il-Kunsillier Luke Genuis qal li kien ser jirraporta fil-laqgħat li jmiss peress li kien bgħat lill-Perita u ma kienx għad kellu risposta. . Traffic Managment – Triq Kurunel Mass

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass, kien għad m'għandniex risposta mingħand il-Perit. Gnien Kurunell Mass

vi. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill kien kellem l-Avukat li jirrappreżenta l-UNTOURS dwar l-inċident li kien seħħ fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra peress li l-assikurazzjoni kienet f'idejn l-Aġenzija UNTOURS. U kien għad m'għandux risposta. Inċident monument – Avukat UNTOURS

vii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li l-Perit kien ħa ħsieb id-dokumenti nieqsa sabiex jinħareġ il-COMPLIANCE CERTIFICATE mill-MEPA. Meter Ġnien Ovindoli

viii. Rigward l-każ fejn l-impjegata Isabella Formosa kienet tħallset flus żejda u b'ammissjoni tagħha stess kien sar qbil mal-Ex Sindku Joseph Abela u L-Ex Seg. Eżek. Paul Pace sabiex hija ma tirritorna xejn diment li l-Awdituri ma jindunawx, is-Sindku Paul Farrugia nfurma lill-Kunsill li hekk kif titlob il-liġi huwa flimkien mas-Seg. Eżek. kienu għamlu ittra fejn fiha nfurmaw lill-Onor. Ministru b'din is-sistwazzjoni. Din l-ittra kienet għaddiet għand il-BORD TA' GVERNANZA u kemm hu flimkien mas-Seg. Eżek. u l-Avukat tal-Kunsill kienu dehru quddiem dan il-Bord. Issa kompla jispjega s-Sindku qal li l-Bord kien bgħat it-tweġiba tiegħu u mill-ittra li rċevejna jidher li l- Każ ta' flus imħallsa żejda lill-impjegata Isabella Formosa

Impjegata Isabella Formosa għal 3 darbiet kienet irrifjutat li titla tagħti x-xhieda tagħha quddiem dan il-Bord u jidher ukoll, u ma setgħax jifhem għaliex qal is-Sindku li l-Ex Sindku Joseph Abela qatt ma ntalab jitla' jagħti l-verżjoni tiegħu meta Joseph Abela kien parti importanti f'dan il-każ. Is-Sindku qal li l-Bord kiteb li l-Kunsill għandu jara li dawn il-flus jinġabru lura peress li dawn ma kienux għajr flus il-poplu. Kopja ta' din it-tweġiba ser tkun annessa ma' dawn il-Minuti.

ix. Rigward il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidhru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, is-Sindku qal li ser nimxu fuq byelaws ta' kunsilli oħra. BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

x. Rigward il-barrier għal quddiem il-bieb prinċipali tal-iskola s-Sindku qal li qed jistenna kwotazzjoni. Barrier quddiem il-bieb prinċipali tal-iskola

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-applikazzjoni li kien tefa għall-attivitajiet tas-sena 2016 maħruġa mid-Dipartiment Gvern Lokali u li din l-applikazzjoni ser tikkumplimenta l-proġett tal-ERDF, ġejna aċċettati u qegħda bejn 3 Kunsilli dak ta' Ħal Tarxien, Fgura, u Paola. Is-Sindku qal li aħna qegħdin bħala *partners*. *Lead partner* hija l-Germanja, Bħala partners oħra hemm ukoll TM, u 11 il-partner ieħor. Il-Kunsillier Ismael Dalli ser ikun involut f'dan il-proġett. Applik. Attivitajiet 2016

xii. Il-Kunsilliera Doris Vella ppreżentat lill-Kunsill RENDIKONT tal-ħarġa. Doris Vella – RENDIKONT t

xiii. Rigward il-laqgħa għall-parteċipanti nhar is-16 ta' Frar 2016 qabel ma jibdew il-korsijiet ta' TCTC, is-Sindku qali li suppost kellu jmur jiftaħ il-Kunsillier Frans Agius imma wara li ċempilnilu nfurmana li ma setax imur jiftaħ u għalhekk kellha tmur is-Segretarju Eżekuttiv għax in-nies kienu baqgħu jistennew barra. TCTC

xiv. Is-Seg. Eżek. nformat lill-Kunsill li l-Kuntrattur DIMBROS reġgħtet qalet li jekk il-Kunsill mhux ser jordna aktar skips ser twaqqaf il-Garanzija Bankarja. Kuntrattur DIMBROS

xv. Dwar il-fatt li kien rraportat mill-Viċi Sindku li l-Kappillan kien talab li f'każ li l-Kunsill jagħmel użu mis-sala ta' Dar Nazaret kien ried iħallas, il-Kunsill qabel unanimament li minn issa 'l-quddiem il-permessi mhux ser jibqgħu jkunu ssussidjati imma jrid isir ħlas tal-permess. Ħlas ta' Permessi mill-Parroċċa

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltqajna maż-żewġ operaturi jiġifieri l-GREEN MT U GREENPAK u tlabnihom jressqu l-proposti tagħhom sal-aħħar ta' Frar 2016. Sadanittant ser nitolbu estensjoni tal-Kuntratt attwali sakemm il-Kunsill jirċievi l-proposti u jiddeċiedi. S'issa kienet għadha daħlet proposta waħda biss. Is-Sindku qal li kif jiskadi l-aħħar ta' Frar il-Kunsill kien ser jipproċedi. Kuntratt Ġbir ta' Skart Riċiklat

xvii. Is-Sindku spjega li tabelli għal tul Triq San Tumas fil-parti li tagħmel ma' Ħal Tarxien kienu ġew ordnati u dwar Merħba Sign fi Triq San Tumas k/m Triq Pellikani konna bgħattna lill-HSBC sabiex issir. Tabelli bl-isem Triq San Tumas

xviii. Rigward il-*pass* ta' fejn l-iskola li l-Ex Sindku Joseph Abela kien qassam lir-residenti tal-akkwata, mingħajr ma' tal-anqas kienu ffirmati minnu sabiex b'hekk ikollhom awtorita', ġie deċiż li ssir l-ittra sabiex titqassam lir-residenti. Passes fejn l-Iskola

xix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ktibna lill-ETC u tlabna sabiex ħaddiem mill-Iskema tal-ETC jitneħħa minn Ħal Tarxien għaliex, fuq saħansitra konferma mill-ħaddiema l-oħra, dan kien qiegħed ta' kuljum jimla' tankijiet bl-ilma u dan mingħajr permess li wara kollox kien ifisser serq u agħar minn hekk, żied is-Sindku jgħid li dan l-istess ħaddiem kien qed jieħu u jagħmel użu personali mill-għodda tal-Kunsill u f'ħafna każi anqas biss Tkeċċija – ħaddiem Skema ETC

jirritornaha lura u dan bl-approvazzjoni tal-Ex Sindku Joseph Abela.

xx. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li rigward it-talba mingħand resident sabiex issir pedestrian crossing fi Triq San Tumas din kienet intbgħatet lit-TM għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Pedestrian Crossing Triq San Tumas

xxi. Rigward l-ittra mit-TM mibgħuta lir-residenti ta' triq San Franġisk dwar li t-triq tagħhom kienu ser isirulha xi xogħlijiet mill-istess TM, is-Sindku qal li hu kien kiteb lill-Onor. Ministru Joe Mizzi kif ukoll lic-Chairman Sur James Piscopo u talabhom l-bicca l-oħra tat-triq u talab ukoll jekk hux ser isiru s-servizzi. Qal ukoll li kien għadu bla risposta. Xogħol mit-TM fi Triq San Franġisk

xxii. Is-Sindku ppreżenta 3 kwotazzjonijiet sabiex issir temporary structure fil-bitħa u dawn kienu għall-valuri ta' €1,534, €1,888, €1,947. Il-Kunsill unanimament għażel l-irħas kwotazzjoni għall-valur ta' €1,534 mingħand is-Sur RENATO SCICLUNA Temporary Structure

xxiii. Is-Sindku qara l-EMAIL mibgħuta mid-Dipartiment Gvern Lokali lir-Reġjuni sabiex jiġbru nformazzjoni rigward liema proġetti kapitali kellhom fi ħsiebhom il-Kunsill Lokali għall-2016. Il-Kunsill unanimament qabel li bħala proġetti kapitali kellu t-tisbieħ ta' Ġnien Kurunell Mas kif ukoll xi major patching u/jew resurfacing. Dawn il-proġetti kienu nklużi fil-Budget għas-sena 2016 li ġie maqbul unanimament mill-Kunsill. Proġetti Kapitali u Budget 2016

xxiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill kien irċieva stedina mingħand il-Kunsill ta' VELIKO TURNOVO, Bulgaria li miegħu kien iġġemellat sabiex nattendu għall-Jum Veliko Turnovo kif ukoll stedina oħra għall-fiera li ssir kull sena. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jattendi għaż-żewġ okkażjonijiet. Għal Jum Veliko Turnovo kien ser jattendi waħdu filwaqt li għal fiera kien qiegħed jissuġġerixxi li jattendi l-Artist Denis Calleja. Il-Kunsill qabel unanimament li nattendu għaż-żewġ attivitajiet u li l-Kunsill jħallas biss l-passaġġi tal-ajru u dan għaliex il-Kunsill ta' Veliko Turnovo ser iħallas l-ispejjeż relatati mal-lukanda. VELIKO TURNOVO

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia irtira mil-laqgħa fis- 7:00PM*

**3 Affarijiet Finanzjarji**

- **Skeda ta' Pagamenti**

Ġiet imressqa Skeda ta' Pagamenti Nru. 36/07 għall-fatturi ta' Frar 2016. Din ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**4. Rapport tal-Kunsilliera**

***Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin***

Il-Viċi Sindku ma kellu xejn x'jirraporta.

***Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli***

i. Il-Kunsillier Ishmael Dalli qal li ser jipprova jorganizza data oħra sabiex isir ir-riċiklar tat-tessuti minn quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

ii. Is-Sur Dalli qal ukoll li kien preżenti fiż-żewq laqgħat mal-operaturi tal-Iskart Riċiklat.

***Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***

Il-Kunsilliera Doris Vella talbet lill-Kunsill sabiex japprova li tkun organizzata ħarġa għall-POPEYE VILLAGE nhar l-24 ta' Marzu 2016. Il-Kunsill unanimament qabel li tkun organizzata din il-ħarġa.

***Rapport mill-Kunsillier Luke Genuis***

Il-Kunsillier Luke Genuis qal li fil-laqgħat li ġejjin kien ser jirraporta dwar il-Kumitat taż-żgħażagħ u kif ser jibdew joperaw.

**5. Ħwejjeġ Oħra**

Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li nhar id-29 ta' Marzu fis-2:00PM kienu ser jinfetħu Tenders u għalhekk kellu jinħatar il-Bord tal-Għażla. Ġie deċiż u maqbul unanimamnet li dan il-Bord ikun kompost mis-Sindku Paul Farrugia, mill-Kunsillieri Ishmael Dalli u Luke Genuis u mis-Seg. Eżek. Antonella Galea.

**6. Għeluq tal-laqgħa**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 7:15pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar id-29 ta' Marzu 2016 fis-6:00PM

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**